**It-termini tal-inkjesta pubblika indipendenti dwar l-omiċidju tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia huma s-segwenti:**

Biex tinvestiga u tirrapporta lill-Prim Ministru, wara r-Riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati tat-12 ta' Diċembru 2018 u r-Riżoluzzjoni tal-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa tas-26 ta' Ġunju 2019 (Riżoluzzjoni 2293(2019)), dwar il-mewt tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia fis-16 ta' Ottubru 2017 u dwar l-avvenimenti li ppreċedew, li kienu konkomittanti ma', u li segwew dik il-mewt bil-għan illi:

1. jiġi determinat jekk xi att jew ommissjoni illeċita minn jew fi ħdan xi entita tal-Istat iffaċilitatx il-mewt jew naqsitx milli zzomha milli sseħħ u b' mod partikolari jekk xi entita tal-Istat kienitx taf jew kellhiex tkun taf b' riskju reali u immedjat mill-aġir kriminali ta' xi terza persuna għall-ħajja tas-Sinjura Daphne Caruana Galizia fiz-zmien in kwistjoni u naqset milli tieħu mizuri fi ħdan il-firxa tas-setgħat tagħha li, b' ġudizzju raġjonevoli, kien mistenni minnha li tieħu biex tevita dak ir-riskju;

2. tistabbilixxi jekk l-Istat kellux u għandux fis-seħħ dispozizzjonijiet ta' liġi kriminali effettivi u mezzi oħra prattiċi biex jevita li jiżviluppa de facto stat ta' impunita' bl-okkorrenza spissa ta' atti kriminali li ma jiġux solvuti u biex ikun hemm deterrent għat-twettiq ta' reati kriminali serji, bl-appoġġ ta' makkinarju ta' inforzar tal-liġi għall-prevenzjoni, s-soppressjoni, l-investigazzjoni u l-kastig tal-vjolazzjonijiet serji tal-liġi;

3. tiddetermina jekk l-Istat wettaqx u jekk huwiex qiegħed iwettaq l-obbligu pożittiv li jieħu miżuri operazzjonali ta' prevenzjoni biex jipproteġi lil dawk l-individwi li l-ħajja tagħhom tkun fir-riskju minn atti kriminali u dan b' mod partikolari fil-kaz tal-ġurnalisti;

4. Li l-Inkjesta titmexxa b' mod illi ma timpedix u ma tikkompromettix xi investigazzjoni jew prosekuzzjoni kriminali jew l-integrita tagħha.

5. L-Inkjesta għandha ssir fil-pubbliku izda l-Kummissjoni ta’ Inkjesta tista’, meta tikkunsidra li jkun hekk meħtieġ, tmexxi seduti partikolari fil-magħluq b’ mod illi tkun protetta l-kunfidenzjalita' ta’ investigazzjonijiet u ta’ informazzjoni li tkun waslet taħt obbligu ta’ kunfidenzjalita', kemm meta l-kunfidenzjalita' ta’ dawk l-investigazzjonijiet jew informazzjoni tkun protetta bil-liġi kif ukoll meta l-Kummissjoni ta’ Inkjesta jidhrilha li s-smiegħ bil-magħluq ikun mod ieħor gustifikat.

6. Il-Kummissjoni ta’ Inkjesta jkollha aċċess għall-informazzjoni kollha miżmuma minn entitajiet tal-Istat u għandha timxi skont l-Att dwar l-Inkjesti u għandha, soġġett għal dawn it-termini ta’ referenza, tirregola l-proċedura tagħha fuq il-ħwejjeġ kollha inklużi kwistjonijiet dwar l-aċċess tal-familja tal-mejta u mill-pubbliku għall-proċeduri u għall-atti tal-inkjesta.

7. Il-Kummissjoni ta’ Inkjesta għandha, mingħajr preġudizzju għat-twettiq xieraq ta’ dawn it-termini ta’ referenza, tikkonkludi x-xogħol tagħha fi zmien disa' xhur.